**24 ta' Ġunju, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Negozjant Joseph Gasan noe

*versus*

Alfred Salomone O.B.E. noe et

**Dazju — Ħlas — Eżenzjoni minn — Merkanzija — Import ta' — Gvern, għall-kuntratt — Interpretazzjoni.**

*Każ f'liema kuntratt għall-import ta' merkanzija għal Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ġie nterpretata fis-sena li l-importatur ma kellux jħallas dazju fuq il-merkanzija hekk importata.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine wara li qal illi l-Gvern fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru, 1955, ħareġ avviż għal tenders għal provvista lil Public Works Department ta' erbat elef tunnellata Portland Cement li kellhom jiġu konsenjati fl-istores tal-Public Works Department, skond il-kondizzjonijiet ta' l-istess Avviż Dok. A u Dok A1; u illi l-attur kien għamel tender fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru, 1955 Dok. B. li ġie aċċettat mill-Gvern fit-tlettax (13) ta' Jannar, 1956 — Dok. C; u illi l-ewwel partita ta' dan is-

siment waslet Malta fit-tmintax (18) ta' Frar, 1956 u relattivament għall-istess ġiet effettwata u aċċettata mid-Dwana d-dikjarazzjoni ta' merkanzija li ma tħallas dazju — Dok. D; u lira, żewġ xelini u għaxar soldi (£23,450.2s.10d) ġie mħallas mill-Gvern fl-erbatax (14) ta' Marzu 1956, b'cheque G/546656 mingħajr ebda deduzzjoni; u illi però fl-okkażjoni tal-ħlas tattieni partita ta' l-istess siment illi waslet fit-tnejn (2) ta' April, 1956, bil-vapur Aerman Schulte l-Gvern, kontra l-oppożizzjoni ta' l-attur, naqqas mill-prezz relattiv is-somma ta' disa' mija u wieħed u sittin lira, xilen u ħames soldi (£961.1.5d) bħala dazju fuq l-ewwel partita (v. ittra ta' l-attur tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' April, 1956, — Dok. E u ittra tal-attur tal-erbatax (14) ta' April, 1956 Dok. F); u wara li qal ukoll illi huwa użu kostanti illi dazju ma jitħallasx meta merkanzija bħal każ in kwistjoni tiġi mportata għall-Gvern tkun immarkata mill-marki tiegħu kunfezjonata kif iridha l-Gvern u tiġi direttament konsenjata lill-Gvern malli tasal u għalhekk dan l-użu għandu jiġi kunsidrat bħala kondizzjoni mpliċità tal-kuntratt u d-dazju illi l-konvenut ikkumpensa abusivament mas-somma dovuta lill-attur għat-tieni shipment ma kienx dovut, talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha neċessarji — il-konvenut nomine jiġi kkundannat iħallsu u jirrestitwilu l-imsemmija somma ta' disa' mija u wieħed u sittin lira, xelin u ħames soldi (£961.1.5d). Bl-imgħaxijiet mill-ħamsa u għoxrin (25) ta' April, 1956 u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-sittax (16) ta' Ottubru, 1957, kontra l-konvenut nomine, u b'riserva ta' dritt ta' l-attur li jitlob il-ħlas lura ta' disa' mija u sebgħa u sebgħin lira u żewġ soldi ,£977.0s.2d) illi l-attur ħallas taħt protesta bħala dazju dwar it-tieni partita;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda kif ukoll id-dokumenti preżentati maċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li t-talba attriċi hija nfondata għaliex (a) mhux minnu li jeżisti l-użu msemmi fiċ-ċitazzjoni illi merkanzija bħal dik in kwistjoni ma tkunx dazjata; m'hiex dazjabbli skond il-liġi dik il-merkanzija li jimporta l-Gvern Ċivili stess għas-servizz pubbliku, u (b) id-ditta attriċi kienet obbligata skond il-kuntratt "to supply and deliver at Malta freight and insurance paid into Public Works Department stores" u dana jfisser li l-obbligu tagħha kien jiġi estint mal-konsenja fl-imħażen u mhux fuq il-bankina, u dana l-obbligu essenzjalment jimplika l-ħlas tad-dazju;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine li biha qal li fiċ-ċitazzjoni l-attur għandu jispeċifika b'mod ċar u univoku l-kawżali tad-domanda, mentri li fil-każ preżenti ma jidhirx b'mod assolutament univoku jekk waħda mill-kawżalijiet hijiex l-allegata kumpensazzjoni tas-somma dovuta mill-attur ma' dik dovuta mill-konvenut; f'każ li l-attur qiegħed jallega l-kompensazzjoni abusiva da parti tal-konvenut nomine kellu jagħmel domanda "ad hoc", u għalhekk hu talab il-liberatorja;

Rat il-verbal tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu, 1958 minfejn jirriżulta li d-difensur tad-ditta attriċi, b'referenza għall-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine, qal li l-kawżali tad-domanda hija li skond il-ftehim id-dazju ma kellux jitħallas u mhux il-kompensazzjoni abusiva;

Rat id-degriet tagħha, diversament presjeduta, tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu, 1958, li bih ġie nominat Perit Legali biex jirrelata jekk il-pretensjoni ta' l-attur għandhiex fondament u, f'każ affermattiv, jistabbilixxi s-somma rifondibbli mill-konvenut nomine, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat in-nota ta' *Richard Soler bħala Accountant General* u Direttur tal-Kuntratti li biha assuma l-atti tal-kawża bħala konvenut;

Rat ir-*Relazzjoni peritali* preżentata fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar, 1963, u maħlufa fit-tmienja (8) ta' Marzu, 1963 kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Perit u d-dokumenti lilu preżentati;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut nomine preżentata fis-sittax (16) ta' Mejju, 1963 li biha kkritika r-riżultanzi peritali;

Semgħat it-trattazzjoni tal-kawża u reġgħet ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi, kif fuq imsemmi, il-konvenut nomine kien ta eċċezzjoni *ulterjuri fis-sens li ċ-ċitazzjoni ma kienetx ċara dwar il-*kawżali jew kawżalijiet taċ-ċitazzjoni u talab li jiġi liberat "ab observantia". Bħala tali din l-eċċezzjoni kienet tirrikjedi deċiżjoni separata u anke qabel deċiżjoni fil-meritu; dan però mhux neċessarju *li* jsir peress evidentement wara *l*-iskjariment li sar fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu, 1958, mid-difensur ta' l-attur, il-konvenut ma sabx iżjed oġġezzjoni li l-kawża titkompla, kif kompliet, fil-meritu, b'mod li, għalkemm din l-eċċezzjoni ma ġietx espressament ritirata,, l-istess għandha titqies, kif il-Qorti qegħda tqisha, rinunzjata u kwindi m'hemmx iżjed lok li tiġi deċiża;

Illi kwantu għall-meritu, il-Perit Legali ssottometta li skond il-provi prodotti quddiemu d-domanda tal-attur għandha tiġi akkolta; dwar dawna l-provi, il-konvenut nomine fin-nota tiegħu ssottometta li kien ikun aħjar kieku l-Perit sema' provi

iżjed partikolarment dwar l-użu nvokat mill-attur u qal li kien hemm lok għas-smiegħ ta' provi ulterjuri, u f'kull każ, skond l-istat attwali tal-provi, id-domanda attriċi m'hiex fondata u ġustifikata;

Illi fuq dina l-kwistjoni tal-provi jiġi rilevat li fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Mejju, 1962 id-difensur tal-konvenut informa lill-Qorti li kien fadal seduti xi jsiru quddiem il-Perit; fil-fatt dan żamm seduta wara dik id-data u cioè fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju, 1962. Dikinhar l-istess difensur tal-konvenut semma lill-Perit li l-konvenut iġib provi f'seduta oħra; fil-fatt seduti oħrajn ma nżammux mill-Perit u anzi meta dan deher fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju, 1962 informa lill-Qorti li kien sejjer igħaddi biex jestendi relazzjoni; dina ġiet preżentata fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar, 1963 u mill-verbali tas-seduti li ntervenew bejn dik id-data tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju, 1962, u dina l-aħħar data ebda verbal ma hemm li minnu wieħed jista' jifhem li l-Perit ma kellux jestendi r-relazzjoni tiegħu mħabba li l-konvenut ried verament jipproduċi provi kif kien qal li jrid jagħmel quddiem il-Perit. Taħt dawna ċ-ċirkostanzi għalhekk ma kienx għal kollox sew li jingħad li l-perit imissu sema' provi aktar: u verament il-perit, bħal Qorti, hu aktar tenut li jiddeċiedi fuq il-provi li jiġu prodotti quddiemu flok ma jitlobhom hu stess (salv ir-regolament ta' dawk prodotti jew offerti mill-partijiet u dak li dawn jistgħu jesiġu); hu iżjed għalhekk il-każ li jiġi ritenut li l-konvenut ħass li l-attur ma kienx irnexxilu jipprova biżżejjed dak li allega u kwindi allura ma ħassx in-neċessità li jġib provi hu stess f'sens kuntrarju, mentri li ried jipproduċi provi simili wara l-preżentata tar-relazzjoni. Dan mhux sew, però b'dana kollu l-Qorti, salv regolament fil-kap ta' l-ispejjeż, kienet tkun disposta li tammetti l-produzzjoni ta' dawna l-provi kieku ma tħossx li mill-istat tal-provi prodotti hi tista' tifforma ġudizzju ġust tal-kwistjoni u ma tħossx ukoll li dana l-ġudizzju ma jistax jiġi nfluwenzat mill-produzzjoni

ta' l-istess xhieda;

Illi dina r-riflessjoni qegħda ssir għaliex, kif sottomess mill-konvenut stess fin-nota tiegħu, l-akbar importanza trid tingħata lill-ftehim bejn il-kontendenti kif dana jirriżulta prinċipalment mill-provi skritti li ġew prodotti, u ċioè l-avviżi pubblikati mill-Gvern, l-offerta li saret fuqhom mill-attur nomine, u l-aċċettazzjoni ta' dina l-offerta mill-Gvern. Il-Perit Legali jitkellem fuq dana l-aspett tal-kwistjoni fil-paragrafu 15 tarrelazzjoni u l-Qorti tħoss, għar-raġunijiet hemm espressi, (apparti għalissa dawk taħt l-ittra "a"), li l-attur kellu raġun jirritjeni li l-offerta tal-Gvern ma kienetx tikkomprendi wkoll id-dazju. Apparti dawna r-raġunijiet, jekk wieħed jista' jaqbel mal-attur meta xehed li d-dazju ma ssemmiex u kwindi għandu jiġi ritenut eskluż u jista' jaqbel wkoll mal-konvenut meta jgħid li d-dazju kien impliċitu fil-prezz għaliex il-merkanzija kellha tiġi kunsenjata fl-imħażen tal-Gvern, il-konsegwenza se maj trid tkun li l-offerta, kif magħmula lill-pubbliku, ma kienetx ċara biżżejjed: il-fatt dikjarat mill-konvenut fin-nota tiegħu fis-sens li xi offerenti semmew li l-prezz offert kien bla dazju (għalkemm bl-ebda mod provat) jikkonferma dan kif ukoll jikkonfermah il-fatt li wara dina l-kwistjoni l-avviċi bdew joħorġu mod ieħor: u kwindi ma kienx ikun ħażin li kieku dana l-punt kien kjarit qabel l-aċċettazzjoni tal-offerta taddittà attriċi jew l-istess aċċettazzjoni kienet tikkontjeni xi ħaġa fir-rigward: l-offerta stess tal-attur nomine, mir-riferenza għat trasport (f'ċertu raġġ mill-Marsa, fejn tiġi skarikata l-merkanzija) kienet tagħti ċertu ndizju li ma kienx kontemplat sdoganament preventiv tal-merkanzija mill-attur nomine u li kellha tingarr għall-imħażen tal-Gvern mill-ewwel: fil-fatt hekk sar, u skond ma xehed l-attur, taħt is-sorveljanza ta' mpjegati governattivi bħal ma jiġri minn merkanzija mportata mill-Gvern stess salv li l-mezzi ta' trasport ġew provduti mill-attur. La darba ebda skjariment ma sar u l-ftehim ġie mhux biss konkluż iżda anke esegwit billi l-konsenja tal-merkanzija saret

hemm lok li d-dubju fl-interpretazzjoni tal-ftehim jiġi solut; dina s-soluzzjoni trid tkun favur l-attur nomine billi hu l-parti li kienet obbligata għall-istess konsenja; oltre dan, skond ma qal il-Perit (mingħajr ma sar ebda kumment fir-rigward mill-konvenut nomine), jekk is-soluzzjoni tkun f'sens kuntrarju d-ditta attriċi tispiċċa titlef min-negozju flok taqla' profitt raġjonevoli: għalhekk dana l-argument bażat fuq l-ekwità u l-buona fede wkoll jiffavorixxi lit-teżi attriċi;

Illi dwar is-sottomissjoni konvenuta li l-konsenja fl-imħażen tal-Gvern timplika l-ħlas preventiv tad-dazju, din, kif intqal, tista' tidher raġjonevoli; però ma jistax jingħad li weħidha, u, fiċ-ċirkostanzi, hija konklusiva. L-interpretazzjoni mogħtija mill-Gvern stess kienet għall-bidu kuntrarja għal dina t-teżi u dan juri iżjed kemm l-attur kellu raġun jaħseb kif ħaseb; juri wkoll li ftehim hekk miftiehem seta' jiġi, kif ġie, faċilment esegwit. Dina l-veduta mbagħad issib iżjed forza fil-fatt li l-merkanzija kienet intiża għall-Gvern biex tiġi użata minnu stess u mhux imqassma biex tiġi konsumata mill-pubbliku; infatti taħt dawna ċ-ċirkostanzi l-istess merkanzija hija verament waħda importata mill-Gvern għas-servizz pubbliku għalkemm mhux direttament minnu, u, bħala tali, ma għandhiex tkun soġġetta għad-dazju mill-bidu, u li kellha tkun hekk importata jirriżulta mit-termini tal-avviżi li nħarġu u dak li sar meta waslet l-ewwel partita. Hu loġiku għalhekk li wieħed jagħti prezz għall-merkanzija simili mingħajr ma jinkludi d-dazju li altrimenti jkun pagabbli, kif ġa jkun neċessarjament imħallas, meta si tratta ta' merkanzija li trid tiġi fornita lill-Gvern mill-maħżen tal-offerent, bil-marki tal-offerent stess, bħala venditur. Fl-avviż kien hemm li l-konsenja kellha ssir: "at Malta **freight and insurance paid** into Public Works Stores", vuol diri ma semmietx id-dazju wkoll. Iċ-ċirkostanza tal-użu finali tal-merkanzija qed jissemma b'riferenza għad-domanda li saret in kontro-eżami lill-attur meta ssemmiet l-importazzjoni taz-zokkor billi f'daka l-każ il-Gvern jixtri z-

zokkor mill-importatur biex ibiegħu lill-konsumatur (hu magħruf li dan isir bi prezzijiet differenti skond il-klassi tal-konsumatur u li hemm sussidju dwar il-ġeneralità tal-konsumaturi), u kwindi ż-żewġ każi huma distingwibbli wieħed mill-ieħor, u, fil-każ taz-zokkor, jonqos l-element tas-servizz pubbliku bħala tali li hu fondamentali f'każ ta' ħlas ta' dazju billi hu biss f'dana l-każ li l-esazzjoni tad-dazju ma ssirx billi tiġi segwita mir-rifużjoni da parti tal-Gvern stess — minn dipartiment għall-ieħor jekk ma jkunx l-istess wieħed. Huwa taħt dana r-rifless li l-provi prodotti mill-attur dwar l-użu minnu nvokat jassumi ċerta mportanza billi jtendu biex juru li fejn ikun hemm dawna l-estremi li għadhom kif issemmew, dazju ma jitħallasx mill-bidu ħalli tiġi evitata r-rifużjoni relattiva u hekk jiġi evitat xogħol inutili; ma għandux jitnesa li fil-każ preżenti l-ewwel partita ffirma għaliha l-istess Dipartiment tal-Gvern għal min kienet verament intiża, kif sar ukoll dwar il-merkanzija l-oħra li jsemmu x-xhieda prodotti mill-attur; sa dana l-punt biss il-Perit bir-raġun semma li hemm użu billi rriżultaw ċirkostanzi li jindikaw prattika simili, u dana hu wkoll favur it-teżi attriċi. Il-Qorti però l-iżjed li qegħda tagħmel enfasi huwa fuq il-prinċipju a bażi tal-kuntratt in kwistjoni per se, billi dan juri r-raġjonevolezza tat-teżi attriċi li d-dazju ma kellux jiġi kompriż fil-prezz sottomess la darba mhux mitlub espressament u anzi ċ-ċirkostanzi jindikaw differentement kif qal il-Perit speċjalment taħt l-ittra "b" tal-paragrafu 15 tar-relazzjoni, u kwindi ma kienx hemm raġuni biex wieħed jaħseb li l-prezz offert kien jipprovdi għall-ħlas relattiv. Fil-bidu tad-dikjarazzjoni tal-fatti l-konvenut isemmi li sar "żball meta l-ewwel partita tal-merkanzija in kwistjoni ġiet dikjarata eżenti minn dazju"; dan hu fis-sens kuntrarju ta' dak li qed jiġi suġġerit li sar meta ġiet aċċettata l-offerta ta' l-attur nomine; però għar-raġunijiet premessi u dawk svolti mill-Perit, kif intqal, il-Qorti hija tal-fehma li sar sew meta ma tħallasx dazju l-ewwel darba u għalhekk sar ħażin meta dak id-dazju nżamm mill-prezz tat-tieni partita, li kwindi għan-

du jitħallas lill-attur nomine.

Għal dawna l-motivi;

Il-Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine.